MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2609/2002

***Gasan Enterprises Limited***

***vs***

***Mario u Roberta konjugi Said***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Novembru,2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u dsatax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm519.89) rappresentanti seba' kambjali li gew iffirmati minnhom u li skadew fit-13 ta' April 2002, 13 ta' Mejju 2002, 13 ta' Gunju 2002, 13 ta' Lulju 2002, 13 ta' Awissu 2002, 13 ta' Settembru 2002 u fit-13 ta' Ottubru 2002, li ma thallsux u dana nonostante li huma gew diversi drabi nterpellati sabiex jaghmlu dan.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2002, tal-parir Lm15, u bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' l-kambjali mertu tal-kawza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u dsatax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm519.89), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

--------------------------------TMIEM--------------------------------